**115. L-Onor. Jason Azzopardi, f'isem l-Oppożizzjoni, jipproponi:-**

Billi l-Gvern qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra nhar l-4 ta' Frar 2014 l-Avviż Legali 47 tal-2014 li fih ir-Regolamenti tal-*Individual Investor Programme* (IIP);

Billi dawn ir-Regolamenti suppost jirriflettu l-ftehim li 1-Gvern kien obbligat jaċċetta mal-Kummissjoni Ewropea matul Jannar 2014 biex jevita proċeduri legali kontra Malta talli nieda skema ta' bejgħ ta' ċittadinanza li tikser il-liġi Ewropea u d-dritt internazzjonali;

Billi l-qofol ta' dan il-ftehim impost mill-Kummissjoni Ewropea kien u huwa 1-obbligu tal-Gvern li jdaħħal perjodu effettiv ta' residenza ta' tnax-il xahar qabel il-ksib taċ-ċittadinanza Maltija;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 7 ma jsemmix li l-perjodu ta' residenza ta' tnax-il xahar irid ikun effettiv u lanqas ma jipprovdi definizzjoni ta' xi provi l-Gvem Malti jkun lest jaċċetta sabiex applikant juri li jkun irrisjedi f'Malta għal tnax-il xahar;

Billi tali ftehim impost mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-Gvem Malti għal perjodu effettiv ta' residenza fiżika ta' tnax-il xahar kien intiż mill-Kummissjoni Ewropea li japplika għal kulmin jakkwista ċ-ċittadinanza Maltija taħt l-IIP, sija għall-applikant ewlieni u sija għad-dipendenti tiegħu kollha;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 7 jeskludi l-obbligu ta' residenza effettiva għad-dipendenti tal-applikant kontra dak miftiehem mal-Kummissjoni Ewropea;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 10 jelenka l-każijiet li fihom persuna li tkun akkwistat iċ-ċittadinanza Maltija titlef tali ċittadinanza, iżda ma jipprovdix li l-ksur tal-obbligu ta' perjodu ta' residenza effettiva ta' tnax-il xahar iwassal għat-telfien taċ-ċittadinanza Maltija;

Billi l-Prim Ministru fil-konferenza tal-aħbarijiet li huwa ta nhar it-23 ta' Diċembru 2013 kien ta assikurazzjoni li l-konċessjonarju ma kienx ħa jibqa' l-ebda esklussività u fil-fatt l-IIP kellu jitħaddem mill-Aġenzija Identità Malta u mhux mill-konċessjonarju;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 3(2) jistipula preċiżament l-oppost u cioè li l-IIP jitħaddem mill-konċessjonarju;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 7(10) b'mod mill-iktar irresponsabbli ta lill-konċessjonarju d-dritt li jirċievi l-ħlas kollu mingħand kull applikant għaċ-ċittadinanza Maltija, minflok il-Gvern Malti, u li 1-konċessjonarju jżomm dawn il-flus kollha għall-perjodu kollu ta' verifika, u ċioè minn sitt xhur sa sentejn, u dan mingħajr ebda tip ta' salvagwardji favur il-Gvern Malti;

Billi hu kontra kull prinċipju ta' *good governance* li Gvern sovran denju li jissejjaħ tali jippermetti b'mod maħsub li mhux talli kumpanija privata u barranija, iżżomm għandha ammont ta' flus li fil-fatt huma proprjetà tal-Gvern Malti biex din tkun tista' tispekulahom u tagħmel qliegħ kbir minn fuq dahar il-Gvern u l-poplu Malti, iżda wkoll li tesponi lill-Gvern Malti u lil Malta għal riskji inkalkulabbli ta' danni kbar jekk għal xi raġuni l-konċessjonarju ma jirritornax il-flus lill-Gvern Malti;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 6 jipprovdi li persuna li tkun ipprovdiet informazzjoni falza fl-applikazzjoni tiegħu, jew li għandu rekord kriminali, jew li huwa soġġett għall-investigazzjoni kriminali, jew li huwa potenzjalment ta' theddida kontra s-sigurtà nazzjonali ta' Malta, jew li huwa, jew jista' jkun, involut f'xi attività li tagħti isem ħażin lil Malta, jista' xorta waħda jkun approvat għaċ-ċittadinanza taħt l-*Individual Investor Programme* jekk Identità Malta tipproponi minħabba f'ċirkostanzi speċjali, u l-Ministru tal--Intern japprova;

Billi hu inkonċepibbli u l-*apice* tal-irresponsabbilità politika, apparti li dan jindika obbligi li l-Gvern għandu u li ma nafux bihom, li l-Gvern imqar jikkontempla, aħseb u ara li jagħti l-*vires* biex, japprova ċ-ċittadinanza lil min għandu rekord kriminali jew li huwa potenzjalment ta' theddida kontra s-sigurtà nazzjonali ta' Malta jew li huwa jkun involut f'attività li tagħti isem ħażin lil Malta;

Billi hu fl-interess tar-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta li tali individwi lanqas biss jitħallew japplikaw aħseb u ara kemm jingħataw ċ-ċittadinanza Maltija u għalhekk l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 6 tiegħu jeħtieġ ikun emendat sabiex tiġi eliminata kompletament tali possibilità li dawn il-persuni jingħataw iċ-ċittadinanza Maltija;

Billi l-Avviż Legali 47 tal-2014 fir-Regolament 14 jeskludi li l-lista ta' ismijiet ta' dawk li jingħataw ċ-ċittadinanza taħt l-IIP tkun ippubblikata b'mod separat u distint mil-lista ta' ismijiet ta' dawk li jingħataw ċ-ċittadinanza b'reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni, fosthom bi żwieġ, u jeskludi li jingħataw dettalji ta' pajjiżi ta' oriġini u indirizz f'Malta ta' dawk li jakkwistaw iċ-ċittadinanza Maltija taħt l-IIP;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li dwarhom l-Oppożizzjoni diġà infurmat permezz ta' ittra mibgħuta lill-Prim Ministru u li tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni, għal-liema ittra l-Oppożizzjoni għadha sal-lum mingħajr tweġiba, jeħtieġ għalhekk illi l-Avviż Legali 47 tal-2014 ikun revokat u għalhekk din il-Kamra tirriżolvi u tiddeċiedi li l-Avviż Legali 47 tal-2014 ikun revokat, annullat u dikjarat bla ebda effetti fil-liġi għax imur kontra l-interess nazzjonali.

20.03.14

**Il-Mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 133 tat-Tlieta, 25 ta' Marzu 2014.**